

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/2008**tal-10 ta' Novembru 2015****li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja, EUMM Georgia**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28, u l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Awwissu 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/452/PESK ⁽¹⁾, li estendiet il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja ("EUMM Georgia" jew il-"Missjoni"), stabbilita bl-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/736/PESK ⁽²⁾.
- (2) Fis-16 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/915/PESK ⁽³⁾ li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK, li estendiet il-Missjoni sal-14 ta' Diċembru 2016 u pprovdiet ammont ta' referenza finanzjarja sal-14 ta' Diċembru 2015.
- (3) Għandu jiġi pprovdut ammont ta' referenza finanzjarja ġdid li jkopri l-perijodu mill-15 ta' Diċembru 2015 sal-14 ta' Diċembru 2016.
- (4) Id-Deċiżjoni 2010/452/PESK għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2010/452/PESK hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 14(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-Missjoni bejn il-15 ta' Diċembru 2015 u l-14 ta' Diċembru 2016 għandu jkun ta' EUR 17 640 000.;"

- (2) fl-Artikolu 14, il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti bil-paragrafu li ġej:

"2. In-nefqa kollha għandha tkun amministrata skont ir-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni. Il-parteċipazzjoni ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi fl-għoti ta' kuntratti ta' akkwist minn EUMM Georgia għandha tkun miftuħa mingħajr limitazzjonijiet. Barra minn hekk, m'għandha tapplika l-ebda regola ta' oriġini għall-prodotti mixtrija minn EUMM Georgia."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-15 ta' Diċembru 2015.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kunsill**Il-President*

P. GRAMEGNA

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/452/PESK tat-12 ta' Awwissu 2010 dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja, EUMM Georgia (ĠU L 213, 13.8.2010, p. 43).

⁽²⁾ Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/736/PESK tal-15 ta' Settembru 2008 dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja, EUMM Georgia (ĠU L 248, 17.9.2008, p. 26).

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/915/PESK tas-16 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja, EUMM Georgia (ĠU L 360, 17.12.2014, p. 56).